MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# ID-DISÁ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

L-Erbgħa, 25 ta' Marzu, 2026

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Clyde Cauchi– Viċi Sindku
Louis Galea – Kunsillier
Lorenzo Grima – Kunsillier
Jeremy Hili – Kunsillier

Isaac Formosa – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 24.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

24.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

24.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 24.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

24.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-*Assistant Principal* Claire Hili m'aċċettatx sabiex tokkupa l-pożizzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Wara diskussjoni l-Kunsill innomina lil Mariella Buttigieg għal din il-pożizzjoni.

24.2.2 Is-Sindku qal illi morna tajjeb fl-organizazzjoni tal-*Literacy Week*.

24.2.3 Is-Sindku semma li ż-żewġ bustijiet li għandna fil-lokal huma tal-*fibreglass* u jkun tajjeb illi dawn isiru tal-bronz. Fil-lokalità għandna dak ta' Dun Salv Portelli u dak ta' Karmnu Grima. Il-Kunsill qabel illi jitlob l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Lorenzo Grima astjena minn dan is-suġġett għax għandu kunflitt t'interess u ma pparteċipax f'din id-diskussjoni.

24.2.4 Dwar is-servizz tat-tabib kull nhar ta' Sibt, is-Sindku nforma illi t-Tabiba Lorna Attard tippreferi li ma taħdimx is-Sibt. Il-Kunsill qabel illi jikkuntattja li-Tabib John Xuereb Curmi biex jagħti dan is-servizz.

24.2.5 Is-Sindku qal illi dwar il-karozza awtomatika ntbagħtet korrispondenza li ser issir bi prova f'Ġunju. Dan is-servizz ser isir flimkien mal-Kunsill Lokali Għarb b'rotta minn Ta' Dbieġi Crafts Village għall-pjazza ta' San Lawrenz. Għandha ssir laqgħa biex isir il-koordinament neċessarju. Il-Kunsill qabel.

24.2.6 Is-Sindku qal illi l-Avukat Joshua Grech bagħat ittra lill-kumpanija Faces dwar il-kumplament tal-*bus shelter* fi Triq il-Wileġ. Il-kumpanija Faces ingħatat perjodu ta' sebat ijiem sabiex jagħmel ix-xogħol li għalih diġà tħallas. Jekk ma jagħmilx dan, il-kumpanija ġiet infurmata li x-xogħol ser isir minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill u tali kont jitħallas minn Faces.

24.2.7 Il-proċess tal-ġemellaġġ ma' San Venanzo nbeda u ġa ġie draftjat il- ftehim. Dan il-ftehim ser jiġi ffirmat f'Ġunju li ġej meta jkunu fostna.

24.2.8 Is-Sindku qal illi hemm bżonn tinbidel il-*welcome sign* li tinsab fid-daħla ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel.

24.2.9 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett:

- EU Dialogue – Data requested by the Commission Services. Il-Kunsill ġabar l-informazzjoni neċessarja u ntbagħtet lid-Dipartiment;

- Ċirkulari 01/2026 – *Chart of Accounts*;
- Ċirkulari 02/2026 – *Allowance* ta' Servizz fit-Tul;
- Taħriġ ta' Litteriżmu fl-Intelliġenza Artifiċjali;
- *Clarification on Ongoing Vacancies and Eligibility Criteria*. Il-Kunsill qabel illi jitlob laqgħa mad-Dipartiment dwar din il-materja;
- *Submission of Procurement Plan* 2026. Il-Kunsill bagħat l-informazzjoni mitluba;
- *MoU Animal Stewards*. Id-Diviżjoni fasslet ftehim biex permezz tiegħu tkompli tirrifondi l-ispejjeż tas-salarju tal-*Animal Stewards* biex il-kuntratt jinqaleb għal wieħed indefinit. Għaldaqstant il-Kunsill qabel illi dan il-ftehim jiġi ffirmat;
- Skema ta' Finanzjament 2026 (L-Ewwel Parti). Il-Kunsill qabel illi japplika għall-iskemi: SPI.SCI.02.2026 u SPI.SCI.03.2026;
- Skema ta' Finanzjament 2026 (It-Tieni Parti) Il-Kunsill qabel illi japplika għall-iskemi: SPI.SCI.05.2026 u SPI.SCI.06.2026.

24.2.10 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bis-suġġett:

- Ċirkulari AKL 2026/019 *ARLEM Award – Young Local Entrepreneurship in the Mediterranean*;
- Ċirkulari AKL 2026/021 Aġġornament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni;
- Ċirkulari AKL 2026/023 ALDA *General Assembly* 2026.

24.2.11 Korrispondenza mill-*Gozo Cultural Events Fund Scheme* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar bis-suġġett 'Skema għall-Fondi Kulturali ta' Għawdex – Linji Gwida u Regolamenti 2026'.

24.2.12 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi fadal *account* tal-Bank APS li ilu ma jintuża mis-sena 2021 b'bilanċ 0. Il-Kunsill qabel unanimament illi dan l-*account* jingħalaq immedjatament.

24.2.13 Korrispondenza minn Transport Malta bis-suġġett 'Applikazzjoni għal Tqegħid ta' xi Posta jew Kjosk'.

24.2.14 Kors organizzat mill-Malta Red Cross tal-'First Aid'. Il-Kunsill qabel illi jorganizza dan il-kors aktar 'l quddiem.

24.2.15 TMTF Dwejra Till You Drop Initiative 2026, attività li ser issir fid-Dwejra nhar is-Sibt, 23 ta' Mejju 2026 b'risq The Malta Trust Foundation. Il-Kunsill qabel illi jissapportja din l-inizjattiva u għandha tiġi diskussa ma' Transport Malta biex tkun tista tintuża Triq id-Dwejra għal din l-attività.

24.2.16 Ittra ta' Mpenn mill-LESA sabiex isir ir-riġenerazzjoni u t-titjib tal-*Playing Field* fi Triq Nicholas Monsarrat. L-ammont li ser jieħu l-Kunsill għal dan il-għan hu €69,600.00.

24.2.17 Korrispondenza dwar mawra għal Strasburgu u Brussell għaż-żgħażagħ ta' San Lawrenz flimkien maż-żgħażagħ ta' Colle Umberto. Wara diskussjoni rriżulta li din l-attività ser taħbat ma' safra oħra li ż-żgħażagħ għandhom mal-Parroċċa.

24.2.18 Korrispondenza mill-*Gozo Regional Development Authority* bis-suġġett 'Bicycle Racks Initiative'. Il-Kunsill qal illi diġa għandu minnhom u għaldaqstant m'għandux bżonn aktar.

24.2.19 *Email* mid-Direttorat tal-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar dwar programm għall-gruppi folkloristiċi Għawdxin fil-Pjazza taċ-Ċittadella. Il-Kunsill qabel illi jibgħat dan l-invit lill-grupp tal-folk ta' San Lawrenz.

24.2.20 Korrispondenza mingħand Laferla *Insurance Agency Limited* dwar l-assigurazzjoni tal-Kunsill, li trid tiġi mġedda għal sena oħra fl-20 t'April 2027. L-ammont totali għal din l-assigurazzjoni huwa €3,935.74. Il-Kunsill qabel unanimament illi jġedded din l-assigurazzjoni però jnaqqas il-*personal accident policy*. Sar qbil illi l-*personal accident policy* issir mal-AKL.

## 24.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

24.3.1 Ma kienx hemm domandi mill-Kunsilliera.

## 24.4 Preżentazzjoni tal-*app*;

24.4.1 Waqt il-laqgħa sar kuntatt telefoniku ma' Charlon Curmi, li qed jaħdem fuq l-*app* li ser ikun jisimha 'SLE Community'. Saret preżentazzjoni minn Charlon fejn ġie spjegat eżatt kif ser tkun taħdem. Il-Kunsilll faħħar ix-xogħol li sar fuq din l-*app* u ntqal li ser tkun utli għal kull resident kif ukoll għall-Kunsill.

24.4.2 Ġie nnotat li minbarra l-attivitajiet tal-Kunsill ser ikunu jidhru wkoll dawk li jkunu ser isiru f'Għawdex. Il-pass li jmiss huwa li jinstabu 20 persuna, etajiet mħallta, sabiex ikun jista jsir l-ittestjar ta' din l-*app*.

## 24.5 Proġetti u attivitajiet fil-lokalità;

24.5.1 Bħalissa għaddejjin l-aħħar preparamenti biex ikunu jistgħu jinħarġu l-offerti tal-*cameras* tas-sigurta u dik tat-tisbiħ tal-*playing field*. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lill-Enġinier Simon Mizzi biex jipprepara l-*bill of quantities* tal-*cameras* tas-sigurta.

24.5.2 Il-preparamenti għal Sqaqien li ser isir fil-11 t'April għaddejjin b'ritmu tajjeb. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu u jgħinu f'din l-attività li hija firxa t'arti fl-isqaqien tagħna.

24.5.3 Il-Fiera tad-Dwejra ser issir il-Ħadd, 26 t'April 2026. Ser isiru l-preparamenti kollha tas-soltu.

## 24.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

24.6.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 21 għal perjodu ta' bejn it-28 ta' Frar 2026 u l-25 ta' Marzu 2026 li tammonta għal €40,082.76 ġiet approvata u ffirmata.

## 24.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.7.1 Il-laqgħa intemmet fit-7.40p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 23 t' April 2026 fis-6.00p.m.

Ikkonfermati, nhar il-Ħamis, 23 t'April 2026.

Noel Formosa
Sindku

Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv